# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 27/2021 JPG**

**Kawza Numru : 37**

**FS**

**U**

**EM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' FS u EM datat 19 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru elf disgha mija u sitta u disghin (1996) (Dok A)*

*Illi mill-liema zwieg twieled iben GS fil-5 ta'Ottubru 1998 u illum huwa maggorenni.*

*Illi ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri datat l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu elfejn u hamsa (2005) il-konjugi mghadhomx jikkoabitaw ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. (Dokument B)*

*Illi ma kien hemm l-ebda manteniment dovut u l-komunjoni tal-akkwisti gie debitament xolt.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Qorti Onorabbli ai termini tal-artikolu 66A sub-artikolu tnejn (2) et sequitur tal-Kodici Civili Kapitolu sittax tal-ligijiet ta' Mata tippronunzja d-divorzju bejniethom u konsegwenti xoljiment legali tieghu.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota ta' FS datata 23 ta' Gunju 2021, li permezz taghha gew ppresentati zewg affidavits tal-partijiet; (Vide fol 21);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EM** xehdet (vide affidavit fol 22) illi fil-konfront ta' zewgha ma ghandha ebda pendenza u li l-kuntratt ta' separazzjoni qieghed jigi rispetatt. Iddikjarat illi ilhom ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena separati minn xulxin llum il-gurnata ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin. Sostniet illi huma kellhom tifel li illum huwa maggorenni.

**FS** xehed (vide affidavit a fol 23) u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew***

***ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Dicembru 1996, liema zwieg jgib c-certifikat numru 7/1996 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-21 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 7/1996 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**